MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Numru. 94/2001

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
EUGENIO VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Eugenio Vella, ta' 41 sena, bin Anthony u Carmen nee' Farrugia, imwieled Siggiewi fil-25 ta' Mejju 1959, u joqghod 49, Epcot Flats, Flat 6, Triq is-Sajjied, M'Scala, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 349259(M), u akkuzat talli nar is-6 ta' Novembru 2000, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu, fi Triq Aldo Moro, Marsa, f'dik il-parti li taghti ghal Albertown, Marsa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' fuq il-vettura tal-marka Hyundai, numru tar-registrazzjoni KBB782, propjeta' ta' Charles Sammut, liema hsara tammonta ghal tlett mija u sitta u ghoxrin lira u sittin centezmu

(Lm326.60), u dan bi ksur tal-Artiklu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat oltre talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell, datati 7 ta' Jannar 1998, 25 ta' Settembru 1998 u 12 ta' Dicembru 2000, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan bi ksur tal-Artiklu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba ukoll sabiex minbarra li tapplika l-piena f'kaz ta' htija, tapplika wkoll l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-16 ta' Frar 2005, u dik tal-imputat tas-26 ta' Mejju 2005.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi l-Ispettur Ivan Portelli fis-6 ta' Novembru 2000, gie nfurmat mis-Surgent tal-ghassa tal-Hamrun, PS8489, illi Charles Sammut ghamel rapport li waqt li kien ghaddej fi Triq Dicembru 13, il-Marsa, bil-vettura tieghu KBB782, fil-hdax u nofs ta' filghodu, gie l-imputat bil-vettura tieghu u beda jrossu fuq il-linja. Charles Sammut informa lill-Pulizija li hekk kif kiser ghal Albertown, sab lill-imputat jistennieh, u beda jitfaghlu xi gebel fid-direzzjoni tieghu, u filfatt ikkawzalu hsarat fuq il-vettura tieghu. Charles Sammut informa lill-Pulizija illi mieghu kellu passigier Mary Vella li tigi l-ex mara tal-imputat.

Fis-7 ta' Dicembru tal-istess sena, l-imputat irrilaxxa stqarrija fejn innega illi huwa ghamel xi hsarat fuq il-

karozza tal-kwerelant Sammut, u l-imputat stqarr illi waqt li huwa kien ghaddej minn Triq Dicembru 13, ra lil Sammut, ikkonferma illi oltre passa lil Sammut u kiser ghal Albertown, fejn waqaf fejn tal-haxix, waqt illi Sammut minn gol-karozza tieghu beda jghajru u joffendih. Huwa nnega li tefa' xi gebel fid-direzzjoni ta' Sammut, u ma jafx li l-ex mara tieghu kienet qed tiehu xi ritratti.

L-Ispettur Ivan Portelli esebixxa diversi sentenzi, cioe' IP2, IP3 u IP4, esebixxa l-istima tal-hsarat IP5 a fol 33 tal-process, u esebixxa l-istqarrija tal-imputat IP1 li tinstab a fol 21 tal-process.

In kontro ezami, xehed illi jikkonferma illi l-imputat u martu huma separati de facto, ikkonferma illi l-imputat qallu li kellu xi xoghol ghand Bezzina Brothers f'Albertown. L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li kien ghamel xi xahar ifittex lill-imputat u ma setax isibu, u kien hadlu l-istqarrija filfatt xi xahar wara l-incident.

Illi fl-istqarrija, l-imputat jghid is-segwenti:

'dakinhar jien kont gej minn Triq Dicembru 13, u ftit metri qabli rajt lil Sammut bil-vettura. Peress li jien kont fuq il-fast lane qbiztu u hekk kif wasalt fejn ir-roundabout tas-sulfarini, jien ksirt ghan-naha ta' Albertown peress li kont sejjer ghand Bezzina Brothers. Hemmhekk jien waqaft fejn tal-haxix u hu gie warajja, beda jghajjarni bi kliem L…u K….. u heddu bil-kliem 'insibek, noqtlok'. Nghid li dak il-hin, jien kont ghadni fil-vettura tieghi.' (ara fol 21).

Fl-istqarrija tieghu l-imputat cahad b'mod vociferu li hu tefa' xi gebel fid-direzzjoni ta' Sammut, kif ukoll illi huwa heddu b'xi kliem.

PS 489 George Attard xehed illi fid-data ndikata fic-citazzjoni, kien gie Charles Sammut u Mary Vella li allegaw li l-imputat ghalqilhom it-triq u dawn swervjaw biex jiskansawh u li huma u ghaddejjin minn trunk road, ghalqilhom it-triq u beda jitfaghlhom il-gebel u joffendihom (ara fol 34). L-okkorrenza giet esebita bhala dokument GA, a fol 38.

Is-Surgent ikkonferma li l-‘windscreen’ tal-vettura ta’ Charles Sammut kienet mifqugha u kien hemm il-‘mudgard’ mghaffeg u l-pilastru tal-bieba kellha wkoll xi hsara.

Charles Sammut u Mary Vella qalu li wara dan l-incident huma harbu u baqghu sejrin l-ghassa tal-Hamrun. Is-Surgent ma jaf xejn fuq ir-ritratti.

Mary Vella, a fol 41, xehdet illi hija separata de facto minn mar-ragel taghha, l-imputat, u kkonfermat li fis-6 ta’ Novembru, bejn il-hdax u nofs u nofsinhar neqsin kwart, hija kienet fil-karozza mas-Sur Charles Sammut u kienu gejjin minn naha tal-Belt, ‘u fil-pront issikkana…issikkana kwazi mal-hajt’, u dan b’referenza ghall-imputat. Is-Sinjura Vella xehdet illi hi u Sammut ippruvaw jevitawh billi komplew iduru mar-‘roundabout’, izda l-imputat Vella baqa’ jsegwihom, allura huma dahlu go triq ghal Albertown, u sabu lil Eugenio Vella wieqaf bil-vann, u tghid dawn il-precizi kelmiet:

‘ahna tlajniha bil-girja, is-Sur Eugenio Vella kien barra mill-karozza, qabad gebel kbar, gie jigri mal-vann u tefaghhomlna, nisimghu plaq mal-wind screen…il-windsreen ixxaqqet tal-karozza…fil-pront beda jghajjarna qahba noqtlok u lilu L…’.

Rigward ir-ritratti, Mary Vella tghid ‘I got a camera with me 24 hours, jien ghandi l-Libjani warajja u ghandi n-nies ta’ qattaghni warajja ifhimni its my only means of protection.’ Gew esebiti MV1, 2 u 3, tlett ritratti li tghid li hadihom hi.

Charles Sammut, a fol 54, ikkonferma x-xhieda ta’ Mary Vella, u kif iltaqa’ ma’ Eugenio Vella li kien qieghed bil-vettura tieghu, u kif dan issikkalu l-vann tieghu, kif ipprova jibqa’ jdur mar-‘roundabout’ biex jevitah, u kif l-imputat baqa’ jsegwih, imbaghad sabu lill-imputat f’Albertown, u kif dan beda jitfaghlhom il-gebel. Charles Sammut esebixxa ritratti dokument CS1-10.

Charles Sammut esebixxa wkoll mappa dokument CS11, ir-ritratti CS1-10 hadhom hu waqt li Mary Vella hadet xi ritratti ohra. Mitlub jghid jekk kemm-il darba hu hux qed jghix ma' Mary Vella, Sammut jirrispondi, a fol 59, 'le ma tarax, jien illum il-gurnata guvni ghax ghandi l-annullament, issa hi qeghda fis-separazzjoni u waslet ghall-annullament ukoll, pero' dik jekk titlobni nwassalha, jien nafha, kont immur nahdem ghand il-mama' taghha.'

Mitlub jghid kemm-il darba nqalghu ncidenti bejnu u bejn l-imputat meta Mary Vella kienet fil-prezenza tieghu, Charles Sammut jirrispondi 'ghoxrin, tletin darba'. Charles Sammut, a fol 59 u 60, jammetti li bejnu u bejn Mary Vella hemm 'relazzjoni intima illi kienet ilha ghaddejja xi sentejn tlieta.'

Spettur Paul Camilleri esebixxa sentenza tat-12 ta' Dicembru 2000, u kkonferma l-identita' tal-imputat.

Spettur Ivan Portelli, a fol 69 tal-process, esebixxa sentenza dokument IP6.

Arthur Tonna, 'panel beater', ikkonferma l-istima fuq il-vettura Hyundai Stellar, KBB782, f'ammont ta' tlett mija u sitta u ghoxrin lira u sittin centezmu (Lm326.60). Arthur Tonna pero' ma setax jghid meta saru l-hsarat, u jekk kienx hemm hsarat li kienu antiki meta rahom hu.

Spettur Mario Bonello, a fol 90, ikkonferma l-identita' tal-imputat ghar-rigward ta' sentenza tat-2 t'April 1997, redata mill-Magistrat Carol Peralta.

L-imputat Vella, a fol 110, ikkonferma li l-mara tieghu kienet Mary Francis Vella, u li din qeghda tiffrekwenta ragel iehor u cioe' l-kwerelant Charles Sammut. Fid-data ndikata fic-citazzjoni, cioe' fis-6 ta' Novembru 2000, kien ghaddej minn Triq Dicembru 13, ghaliex xoghlu huwa bhal 'service engineer'. Waqt li kien sejjer lejn il-Marsa, inzerta li qabez lil Charles Sammut bil-karozza, u ghall-ewwel lanqas biss induna bih. L-imputat jghid li fil-karozza kien hemm martu Mary Vella, illi l-kwerelant qabzu u beda jissikkah, l-imputat sab fetha ghal Albertown u dahal fiha.

L-imputat xehed illi huwa gie segwit minn Sammut u li dan waqaf faccata tieghu, beda jghajru ‘kornut’ u jobzoq bhas-soltu. Vella xehed illi huwa qabad il-karozza u telaq ‘l hemm.

Innega li ghamel xi hsara fuq il-karozza tal-imputat, l-imputat xehed illi kien hu li telaq l-ewwel minn fuq ix-xena, u li dawn l-incidenti kienu frekwenti hafna. L-imputat, a fol 113, ta spjegazzjoni tas-serje tal-incidenti li kellu mal-kwerelant u dawn waqfu hekk kif Charles Sammut telaq lill-mara tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kaz jippernja pjenament fuq il-kredibilita’ tax-xhieda.

L-Artiklu 637 tal-Kap 9, jghid is-segwenti:

*‘L-eccessjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikli 630, 633 u 636 jolqtu biss il-kredibilita’ tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta’ min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies ta’ l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.’*

Illi din il-Qorti illi kellha l-okkazjoni tevalwa mill-qrib ix-xhieda ta’ Mary Vella u Charles Sammut fuq parti wahda, u dik tal-imputat fuq in-naha l-ohra, kellha l-opportunita’ pjena li tevalwa l-komportament ta’ dawn ix-xhieda, u certament ma taghti ebda affidament ghall-verzjoni li taw Charles Sammut u Mary Vella. Dan il-ghaliex jekk wiehed jifli x-xhieda ta’ Mary Vella, ssib li hija mzewqa b’diversi nkonsistenzi. Dan japplika wkoll ghax-xhieda ta’ Charles Sammut. Di piu’, ir-ritratti illi tant ftahru bihom Mary Vella u Charles Sammut, bl-ebda mod ma juru xi gebel li kien qed jigi mitfugh fid-direzzjoni tal-karozzi.

Infatti, nofs ir-ritratti li gew esebiti, ma jikkoncernawx id-data ndikata fic-citazzjoni, pero’ dak l-aktar li tikkoncerna

din il-Qorti hija l-fatt li dawn ir-ritratti **dejjem juru li kien filfatt Charles Sammut u Mary Vella li qeghdin isegwu lill-imputat u mhux vice-versa kif jghidu huma.**

Meta wiehed jara r-ritratti tal-allegat hsarat fuq il-vettura ta' Charles Sammut, certament jinduna illi dawn non si tratta ta' hsarat illi jidhru recenti, izda jidhru li kienu hsarat antiki. Filfatt gie mistoqsi u rinfaccjat b'din il-kwistjoni l-'panel beater' Arthur Tonna illi rrilaxxa l-istima tal-hsarat, **li ma kienx f'pozizzjoni jghid jekk kemm-il darba dawn il-hsarat kinux hsarat recenti**. Ta' min jghid illi l-istima tal-hsarat iggib id-data tas-6 ta' Novembru 2000 **fis-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar (12.45pm).**

Lanqas ma hi verosimili l-verzjoni li jaghti Charles Sammut ta' kif graw il-hsarat fuq il-karozza tieghu. Dan qed jinghad ghaliex jekk wiehed jaccetta l-verzjoni ta' Sammut, allura jkollu jassumi illi Sammut, biex jevita' lill-imputat, kien ghaddej b'velocita' pjuttost qawwija. Minkejja dan, Sammut xehed illi gie milqut mhux darba izda tlett darbiet bil-gebel. Xjentifikament u logikament, dan ma jistax isehh, il-ghaliex b'tali velocita', l-aktar li wiehed jista' jilhaq jaghmel huwa li jikkolpixxi b'daqqa wahda biss oggett miexi b'velocita' qawwija.

Illi di piu', Sammut jghid li f'dan il-mument kien ukoll qed jiehu mhux ritratt wiehed izda xi seba' ritratti.

Ghall-kuntrarju, mix-xhieda tal-imputat u l-komportament tieghu matul dawn il-proceduri, johrog evidenti illi l-imputat huwa persuna illi subixxa hafna esperjenzi koroh u li ma kienx hu l-promotur ta' dan l-allegat aggressjoni.

Illi in vista ta' dan kollu, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------